**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 260/2016 CFF**

**J. Zammit Limited**
**Vs**
**Rodney Vella**

**Illum it-Tlieta 29 ta' Novembru, 2016**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tas-socjeta' attrici fejn talbet li l-konvenut jigi kkundannat iħallas is-somma ta' sebat elef tlett mija u disa' u sittin ewro (€7369) rappreżentanti somma dovuta ghall-bejgh ta' vettura Alfa Romeo 156 flimkien ma l-imghaxijiet kollha dovuti permezz ta' kuntratt iffirmat bejn il-partijiet fil-5 t'Ottubru, 2012. (Anness Dok A).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut Rodney Vella gie notifikat fid-29 t'Ottubru, 2016 pero' la deher u lanqas ipprezenta risposta fis-seduta tat-22 ta' Novembru, 2016.

Rat li fl-istess seduta, is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li fis-seduta sussegwenti tad-29 ta' Novembru, 2016, il-konvenut imsejjah tlett darbiet rega' naqas li jidher, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta' attrici ghandha titqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' sebat elef tlett mija u disa' u sittin ewro (€7369) bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut mid-data tal-prezentata tar-rikors sad-data tal-pagament effettiv.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**